**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fl-24 ta’ April 2015 – Joachim Pöpperl vs Land Nordrhein-Westfalen**

**(Kawża C-187/15)**

(2015/C 245/06)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgericht Düsseldorf

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Joachim Pöpperl

*Konvenuta:* Land Nordrhein-Westfalen

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 45 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali skont liema persuna impjegata bħala uffiċjal fi Stat Membru titlef id-drittijiet tagħha għall-pensjoni tal-irtirar (pensjonijiet tal-iskema ta’ sigurtà soċjali tal-uffiċjali) li jirriżultaw minn impjieg bħala uffiċjal għaliex, sabiex tibda impjieg fi Stat Membru ieħor, din il-persuna ġiet irrilaxxata mis-servizz pubbliku fuq talba tagħha, meta fl-istess waqt il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi li din il-persuna hija assigurata b’mod retroattiv fl-iskema statutorja ta’ pensonijiet abbażi tas-salarju gross irċevut bħala uffiċjal, għalkemm id-drittijiet għall-pensjoni li jirriżultaw huma inqas mid-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar mitlufa?

2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv għall-uffiċjali kollha jew għal x’uħud minnhom, l-Artikolu 45 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, fl-assenza ta’ dispożizzjonijiet nazzjonali oħra, l-awtorità tal-ħatra preċedenti tal-uffiċjal inkwistjoni għandha tħallas lill-imsemmi uffiċjal l-ammont tal-pensjoni tal-irtirar abbażi tal-perijodu ta’ servizz li jagħti dritt għall-pensjoni fil-pożizzjoni preċedenti tas-servizz pubbliku, imnaqqas bl-ammont tad-drittijiet għall-pensjoni li jirriżultaw mill-assigurazzjoni retroattiva, jew tikkumpensah finanzjarjament b’xi mod ieħor għat-telf tal-pensjoni tal-irtirar, għalkemm taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali jistgħu jingħataw biss il-benefiċċji tal-uffiċjali previsti minn din il-leġiżlazzjoni?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione Tributaria Provinciale di Torino (l-Italja) fit-28 ta’ April 2015 – Véronique Baudinet *et* vs Agenzia delle Entrate – Direzione Provinciale I di Torino**

**(Kawża C-194/15)**

(2015/C 245/07)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Commissione Tributaria Provinciale di Torino

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Véronique Baudinet, Adrien Boyer, Pauline Boyer, Edouard Boyer

*Konvenuta:* Agenzia delle Entrate – Direzione Provinciale I di Torino